A.L. 381 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2004 li Jħassru Regolamenti dwar id-Drittijiet (Tbattil ta' Fosos)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jħassru Regolamenti dwar id-Drittijiet (Tbattil ta' Fosos). Titolu.

2. Ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Tbattil tal-Fosos) qegħdin b'dawn jiġu mħassra. Ihassar A.L. 78 ta' l-1978.